**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Lulju, 2016

Rikors numru : 144/2016 AL

AB
vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elf disgha mija hamsa u tmenin (1985) f'Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. A;
2. Peress illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal li nghataw l-isem ta' SB li llum il-gurnata ghandha sitta u ghoxrin (26) sena u W B li ghandu tlieta u ghoxrin (23) sena u ghaldaqstant huma maggiorenni;
3. Peress li l-partijiet isseparaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li sar nhar il-hdax (11) ta' Novembru

tas-sena elfejn u tnejn (2002) fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.

4. Peress illi l-partijiet huma domiciljati f'Malta u hadd minnhom ma huwa rikjest sabiex jghaddi manteniment stante illi t-tfal huma maggorenni u t-tnejn ghandhom impjieg fiss;
5. Peress illi ma hemm ebda possibbilta` ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba` (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jghaddi z-zmien utili skont il-ligi, koppja tad-Digriet relattiv tigi kkomunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigi debitament registrat skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha iddikjara :

1. Illi l-esponent jaqbel illi huma ikkontrattaw iz-zwieg fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elf disgha mija u hamsa u tmenin (1985) f'Malta;
2. Illi l-esponenti jaqbel illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, Sherise Bugeja u Wayne Bugeja illi llum huma maggorenni;
3. Illi l-esponenti jaqbel illi huma sseparaw minn ma xulxin permezz ta' kuntratt in atti Nutar Joseph Tabone, nhar il-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002);
4. Illi l-esponenti jaqbel illi ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn l-partijiet stante illi ilhom aktar minn erba' (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Ghaldaqstant l-esponenti m'ghandux oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Novembru 2002;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.